

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1336**tas-16 ta' Ġunju 2023****dwar miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu mill-Belġju u mil-Lussemburgu rigward ċerti miri ta' prestazzjoni għat-tielet perjodu ta' referenza f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***(notifikata bid-dokument C(2023) 3852)***(It-testi bl-Olandiż u bil-Franċiż biss huma awtentiċi)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jipprekrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew ⁽¹⁾ (ir-Regolament qafas) u, b'mod partikolari, l-Artikolu 11(3), il-punt (c), it-tielet paragrafu, tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(5) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

- (1) Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri jridu jfasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri ta' prestazzjoni vinkolanti għal kull perjodu ta' referenza tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri ta' prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu ta' referenza kkonċernat.
- (2) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 stabbilixxa miżuri ta' deroga eċċezzjonali mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 għat-tielet perjodu ta' referenza ("RP3") ⁽³⁾. Abbażi ta' dawn, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 ⁽⁴⁾ stabbiliet miri ta' prestazzjoni riveduti għall-Unjoni kollha għat-tielet perjodu ta' referenza ("RP3").
- (3) Il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu u n-Netherlands adottaw b'mod konġunt fil-livell tal-Blokk tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali tal-Ewropa Ċentrali ("FABEC") abbozz ta' pjan ta' prestazzjoni għall-RP3 ("l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni") li ġie ppreżentat lill-Kummissjoni f'Ottubru 2021. Wara valutazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/728 ⁽⁵⁾ li l-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti en route ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu ("iż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu") li hemm

⁽¹⁾ ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1.⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti għall-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/728 tat-13 ta' April 2022 dwar l-inkonsistenza ta' ċerti miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-blokk ta' spazju tal-ajru nazzjonali u funzjonali preżentati mill-Belġju, mill-Ġermanja, mill-Greċja, minn Franza, minn Ċipru, mil-Latvja, mil-Lussemburgu, minn Malta, min-Netherlands, mir-Rumanija, u mill-Iżvezja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju u li tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet għar-reviżjoni ta' dawk il-miri (ĠU L 135, 12.5.2022, p. 4).

fdak l-abbozz ta' pjan ta' prestazzjoni kienu inkonsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u stabbilit rakkomandazzjonijiet għar-reviżjoni ta' dawk il-miri ta' prestazzjoni lokali. L-Iżvizzera hija wkoll membru tal-FABEC u kienet parti mill-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC. Bħala Pajjiż Terz soġġett għall-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti skont il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Iżvizzera, l-Iżvizzera għet innotifikata separatament, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/780 ⁽⁶⁾ tat-13 ta' April 2022, bl-inkonsistenza tal-miri lokali tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza tal-Belġju u tal-Lussemburgu li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC.

- (4) Fit-13 ta' Lulju 2022, il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu u n-Netherlands ippreżentaw abbozz rivedut ta' pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC ("l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni") għall-RP3 lill-Kummissjoni.
- (5) Fl-24 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni (UE) 2022/2255 ⁽⁷⁾ taġġha bdiet l-eżami dettaljat imsemmi fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 ("l-eżami dettaljat") fir-rigward tal-miri riveduti tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza proposti għaż-żona tal-imposti bejn il-Belġju u l-Lussemburgu, inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni.
- (6) Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands informaw lill-Kummissjoni, fit-28 ta' Ottubru 2022, fit-3 ta' Novembru 2022 u fl-4 ta' Novembru 2022 rispettivament, li kienu rtiraw mill-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni stabbilit b'mod konġunt fil-livell tal-FABEC. Fl-istess ħin, dawk l-Istati Membri ppreżentaw lill-Kummissjoni abbozz ta' pjanijiet ta' prestazzjoni nazzjonali riveduti individwali għall-RP3.
- (7) Wara valutazzjoni ġdida, il-Kummissjoni sabet li l-miri nazzjonali ta' prestazzjoni riveduti rispettivi kienu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u nnotifikat lil Franza, lill-Ġermanja u lin-Netherlands dwar dan permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE) 2023/176 ⁽⁸⁾, (UE) 2023/177 ⁽⁹⁾ u (UE) 2023/179 ⁽¹⁰⁾ rispettivament. L-Iżvizzera informat ukoll lill-Kummissjoni dwar l-irtirar taġġha mill-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni u fl-istess ħin ippreżentat abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni nazzjonali fl-4 ta' Novembru 2022. Il-Kummissjoni sabet li l-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz rivedut tal-pjan nazzjonali ta' prestazzjoni tal-Iżvizzera huma konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u nnotifikat lill-Iżvizzera dwar dan bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/178 tal-14 ta' Diċembru 2022.
- (8) Il-Belġju u l-Lussemburgu ma nnotifikaw l-eċċa pjan ta' prestazzjoni nazzjonali separat. B'riżultat ta' dan, l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni stabbilit qabel fil-livell tal-FAB, u soġġett għall-eżami dettaljat tal-Kummissjoni li nbeda bid-Deċiżjoni (UE) 2022/2255 taġġha, għadu jikkostitwixxi l-bażi għall-valutazzjoni tal-miri ta' prestazzjoni tal-Belġju u tal-Lussemburgu.

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/780 tat-13 ta' April 2022 dwar l-inkonsistenza ta' ċerti miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz ta' pjan tal-prestazzjoni ta' blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali sottomess mill-Iżvizzera skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni tal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju u li tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet għar-reviżjoni ta' dawk il-miri (ĠU L 139, 18.5.2022, p. 218).

⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2255 tal-24 ta' Ottubru 2022 dwar il-bidu tal-eżami dettaljat ta' ċerti miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni għat-tielet perjodu ta' referenza sottomess fil-livell tal-blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali mill-Belġju, mill-Ġermanja, minn Franza, mil-Lussemburgu, u min-Netherlands skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 297, 17.11.2022, p. 71).

⁽⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/176 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar il-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni preżentat minn Franza skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju (ĠU L 25, 27.1.2023, p. 70).

⁽⁹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/177 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar il-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni preżentat mill-Ġermanja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju (ĠU L 25, 27.1.2023, p. 79).

⁽¹⁰⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/179 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar il-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni preżentat min-Netherlands skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju (ĠU L 25, 27.1.2023, p. 95).

- (9) Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tiġi indirizzata lill-Belġju u lill-Lussemburgu biss minħabba li Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands irtiraw mill-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni preżentat mill-FABEC u ppreżentaw pjanijiet ta' prestazzjoni nazzjonali separati. Dawk il-pjanijiet instab li kienu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha (ara d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni msemmija fil-premessa (7)).
- (10) Fis-27 ta' Ottubru 2022, is-servizzi tal-Kummissjoni baġhtu l-ewwel talba għal informazzjoni lill-Belġju dwar l-elementi koperti mill-eżami dettaljat. L-ittra tas-servizzi tal-Kummissjoni lill-Belġju tas-27 ta' Ottubru 2022 intbagħtet ukoll simultanjament lil-Lussemburgu, għall-informazzjoni biss. Bi tweġiba għal dik it-talba, l-awtoritajiet Belġjani baġhtu lis-servizzi tal-Kummissjoni, fis-6 ta' Novembru 2022 u fid-9 ta' Novembru 2022, informazzjoni li waslet mingħand il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ("ANSPs").
- (11) Fid-9 ta' Novembru 2022, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħa mal-awtoritajiet Belġjani.
- (12) Fil-11 ta' Novembru 2022, is-servizzi tal-Kummissjoni baġhtu t-tieni talba għall-informazzjoni lill-Belġju u rċevew dokumenti addizzjonali mill-awtoritajiet Belġjani fit-28 ta' Novembru 2022. L-ittra tas-servizzi tal-Kummissjoni lill-Belġju tal-11 ta' Novembru 2022 intbagħtet ukoll simultanjament lil-Lussemburgu, għall-informazzjoni biss.
- (13) Fid-29 ta' Novembru 2022, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu aktar informazzjoni mingħand il-Belġju. L-awtoritajiet Belġjani wiegħbu għal dik it-talba fit-8 ta' Diċembru 2022 u kkomplementaw ukoll id-*data* u l-informazzjoni li kienu ppreżentaw fit-28 ta' Novembru 2022. L-ittra tas-servizzi tal-Kummissjoni lill-Belġju tad-29 ta' Novembru 2022 intbagħtet ukoll simultanjament lil-Lussemburgu, għall-informazzjoni biss.
- (14) Fit-8 ta' Diċembru 2022 u fil-15 ta' Diċembru 2022, is-servizzi tal-Kummissjoni ltaqgħu mal-awtoritajiet Belġjani.
- (15) Fl-20 ta' Diċembru 2022, is-servizzi tal-Kummissjoni baġhtu talba finali għall-informazzjoni lill-Belġju. Fit-12 ta' Jannar 2023 l-awtoritajiet Belġjani pprovdew informazzjoni addizzjonali bi tweġiba għal dik it-talba. L-ittra tas-servizzi tal-Kummissjoni lill-Belġju tal-20 ta' Diċembru 2022 intbagħtet ukoll simultanjament lil-Lussemburgu, għall-informazzjoni biss.
- (16) Fit-3 ta' Frar 2023, is-servizzi tal-Kummissjoni stiednu lil-Lussemburgu jippreżenta kwalunkwe osservazzjoni jew kumment komplementari rilevanti għall-materjali provduti mill-Belġju bi tweġiba għat-talbiet għall-informazzjoni msemmija fil-premessi (10), (12), (13) u (15). L-awtoritajiet tal-Lussemburgu ma ppreżentaw l-ebda informazzjoni bi tweġiba għat-talba tas-servizzi tal-Kummissjoni.
- (17) Fit-2 ta' Marzu 2023, is-servizzi tal-Kummissjoni ltaqgħu mal-awtoritajiet tal-Belġju u tal-Lussemburgu.

VALUTAZZJONI TAL-MIRI TA' PRESTAZZJONI RIVEDUTI MATUL L-EŻAMI DETTALJAT

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżami dettaljat

- (18) Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni ("PRB"), li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ippreżenta rapporti lill-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni u dwar l-eżami dettaljat tal-miri riveduti tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza proposti għaż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu.

- (19) Il-Kummissjoni tinnota li l-miri ta' prestazzjoni tas-sikurezza, tal-kapaċità u tal-ambjent stabbiliti fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni baqgħu l-istess. Il-Kummissjoni ma qajmet l-ebda sejba dwar dawk il-miri ta' prestazzjoni fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/758 tagħha u fid-Deċiżjoni (UE) 2022/2255 tagħha. Għalhekk, f'din id-Deċiżjoni ma hemm l-ebda osservazzjoni oħra dwar il-valutazzjoni tal-miri ta' prestazzjoni tas-sikurezza, tal-kapaċità u tal-ambjent.
- (20) L-eżami dettaljat ippermetta lill-Kummissjoni tanalizza ulterjorment il-miri ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza proposti mill-Belġju u mil-Lussemburgu (kif preżentati fit-tabella ta' hawn taħt), minħabba d-dubji stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2022/2255 dwar il-konsistenza tagħhom mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha.

Żona tal-imposti en route ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu	Valur ta' referenza tal-2014	Valur ta' referenza tal-2019	2020-2021	2022	2023	2024
Miri riveduti tal-kosteffiċjenza en route fuq il-kost unitarju determinat , espressi f'termini reali fil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017")	EUR-81,78	EUR-83,26	EUR-189,52	EUR-104,47	EUR-94,18	EUR-89,87

- (21) L-eżami dettaljat kopra l-elementi stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2255 u ffoka fuq is-servizzi relatati mal-ispazju tal-ajru tal-Belġju. Għal dik ir-raġuni, it-talbiet għall-informazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni (ara l-premessi (10) sa (15)) ġew indirizzati lill-awtoritajiet Belġjani, filwaqt li l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tal-Lussemburgu rċevew dawk it-talbiet għall-informazzjoni biss.

Valutazzjoni tal-miri ta' prestazzjoni riveduti abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/317

- (22) Il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri riveduti tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza preżentati fil-premessa (18) mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha f'konformità mal-kriterji ta' valutazzjoni li jinsabu fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/317 filwaqt li qieset is-sejbiet tal-eżami dettaljat li huma stabbiliti fil-premessi (26) sa (67) hawn taħt.
- (23) Fir-rigward tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a) u 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-miri ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu għandhom prestazzjoni ħażina kemm fix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha matul l-RP3 kif ukoll fix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha fit-tul fuq l-RP2 u l-RP3 flimkien. Tabilħaqq, ix-xejra tad-DUC għall-RP3 ta' +1,9 % tal-Belġju u tal-Lussemburgu tonqos milli tissodisfa x-xejra għall-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu, filwaqt li x-xejra tad-DUC fit-tul tagħhom ta' +1,1 % hija ogħla b'mod sinifikanti mil-livell tax-xejra korrispondenti għall-Unjoni kollha, jiġifieri -1,3 %.
- (24) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni sabet li l-valur ta' referenza għad-DUC ta' EUR 83,26 tal-Belġju u tal-Lussemburgu f'EUR 2017 huwa 13,2 % ogħla mill-valur ta' referenza medju ta' 73,53 f'EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti.
- (25) Bħala parti mill-eżami dettaljat, il-Kummissjoni ssostanzjat ulterjorment il-valutazzjoni tagħha tal-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza bejn il-Belġju u l-Lussemburgu abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/317 billi analizzat l-elementi li ġejjin:
- il-kostijiet determinati għaż-żona tal-imposti, imqasma skont il-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ("ANSP");
 - il-kumplessità tal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fiż-żona tal-imposti;

- l-arranġamenti ta' forniment ta' servizzi transfruntiera ma' pajjiżi ġirien, u l-impatt operazzjonali u finanzjarju tagħhom; kif ukoll
- l-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi en route u tat-terminal.

Sejbiet dwar il-kostijiet determinati għaż-żona tal-imposti, imqassma għal kull ANSP

- (26) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni jirriżulta f'kost unitarju determinat ("DUC") ta' EUR 89,87 (f'EUR 2017) għas-sena 2024 għaż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu, kif ippreżentat fil-premessa (18). Dan huwa l-ogħla livell ta' DUC għall-2024 taż-żoni tal-imposti en route kollha inklużi fl-ambitu tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti.
- (27) Tliet ANSPs, jiġifieri skeyes, iċ-Ċentru ta' Kontroll taż-Żona ta' Fuq ta' Maastricht ("MUAC") u l-Amministrazzjoni tan-Navigazzjoni bl-Ajru tal-Lussemburgu ("ANA Lussemburgu"), qed iservu ż-żona tal-imposti li qed tiġi eżaminata. Barra minn hekk, il-kostijiet determinati jiġġarbu fir-rigward tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali ("ASN") tal-Belġju u tal-Lussemburgu rispettivament.
- (28) It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta kif il-bażi tal-kost taż-żona tal-imposti tinqasam għal kull entità u kif il-kostijiet rispettivi ta' dawk l-entitajiet evolwew maż-żmien.

Żona tal-imposti en route ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu	Valur ta' referenza tal-2014 (EUR 2017)	Valur ta' referenza tal-2019 (EUR 2017)	Kostijiet determinati tal-2024 (EUR 2017)	Varjazzjoni ⁽¹⁾ fis-sena bejn l-2014 u l-2024	Varjazzjoni ⁽²⁾ fis-sena bejn l-2019 u l-2024
skeyes	EUR 114-il M	EUR 131 M	EUR 135 M	+ 1,8 %	+ 0,7 %
MUAC	EUR 54 M	EUR 61 M	EUR 75 M	+ 3,7 %	+ 5,5 %
ANA Lussemburgu	EUR 6 M	EUR 6 M	EUR 6 M	+ 0,7 %	-0,9 %
ASN tal-Belġju u tal-Lussemburgu ⁽¹³⁾	EUR 13-il M	EUR 13-il M	EUR 12-il M	-0,5 %	-1,9 %
Total	EUR 187 M	EUR 211-il M	EUR 228 M	+ 2,2 %	+ 2,0 %

- (29) Fir-rigward tal-kostijiet determinati għall-2024, il-Kummissjoni tinnotta li 59 % tal-kostijiet determinati taż-żona tal-imposti huma mġarrba minn skeyes, filwaqt li l-MUAC jammonta għal 33 % tal-bażi tal-kost. Is-sehem kombinat ta' ANA Lussemburgu u tal-ASN tal-Belġju u tal-Lussemburgu jirrappreżenta 8 % tal-kostijiet determinati.
- (30) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni jnaqqas il-kostijiet determinati totali għaż-żona tal-imposti b'EUR 19,3-il M (f'EUR 2017) għas-sena 2024 meta mqabbel mal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni. Il-Kummissjoni tosserva li skeyes tikkontribwixxi l-aktar għal dak it-tnaqqis bi tnaqqis fil-kost ta' EUR 16-il M (f'EUR 2017). Skont il-Belġju, skeyes kisbet dak it-tnaqqis fil-kostijiet permezz ta':
- titjib fil-produttività (EUR -5,5 M f'EUR 2017);
 - ir-reviżjoni tal-pjan ta' investiment tagħha u spejjeż operazzjonali oħrajn (EUR -4,2 M f'EUR 2017); kif ukoll
 - tnaqqis eċċezzjonali fil-kostijiet ifffinanzjat permezz tas-surplus li jirriżulta mid-differenza bejn il-kostijiet determinati stabbiliti fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni għas-sena 2021 u l-kostijiet attwali reġistrati għal dik is-sena (EUR -6,5 M f'EUR 2017).

⁽¹⁾ Rata komposta ta' tkabbir annwali (CAGR).

⁽²⁾ Rata komposta ta' tkabbir annwali (CAGR).

⁽¹³⁾ Il-kostijiet imġarrba mill-Belġju u mil-Lussemburgu fir-rigward tal-Konvenzjoni Internazzjonali tal-Eurocontrol dwar il-koooperazzjoni għas-sikurezza tan-navigazzjoni bl-ajru tat-13 ta' Diċembru 1960 (kif emendata l-aħħar) huma inklużi fil-kostijiet tal-ASN.

- (31) Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tinnota li l-kostijiet tal-MUAC allokat i għaż-żona tal-imposti baqgħu kważi l-istess fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni rivedut, peress li għe applikat biss tnaqqis żgħir fil-kostijiet li jammonta għal EUR 0,3 M (f'EUR 2017).
- (32) Abbażi tal-evalwazzjoni li saret mill-PRB, il-Kummissjoni tinnota li kemm skeyes kif ukoll l-MUAC żiedu sostanzjalment il-kostijiet ta' termini reali matul l-RP2 u li daww il-kostijiet komplew jżiedu matul l-RP3, l-aktar xprunati minn kostijiet ogħla tal-persunal u kostijiet operatorji oħrajn. Fl-2024, il-kostijiet tal-persunal ta' skeyes huma pjanati li jkunu ogħla b'6,9 % mil-livell ta' 2019, li jammontaw għal differenza ta' EUR 6,5 M (f'EUR 2017). Għall-MUAC, iż-żieda fil-kostijiet tal-persunal imġarrba fiż-żona tal-imposti, meta mqabbla mas-sitwazzjoni fl-2019, hija saħansitra aktar sinifikanti, peress li daww il-kostijiet huma pjanati li jkunu 30 % ogħla fl-2024 milli fl-2019, li tikkostitwixxi żieda ta' EUR 15,0-il M (f'EUR 2017).
- (33) Il-kostijiet determinati stabbiliti fir-rigward ta' ANA Lussemburgu u tal-ASN tal-Belġju u tal-Lussemburgu ma jagħtu lok għall-ebda tħassib.

Osservazzjonijiet speċifiċi dwar skeyes

- (34) Fir-rigward ta' skeyes, li għandha l-akbar proporzjon ta' kostijiet determinati fiż-żona tal-imposti, il-Kummissjoni rċeviet analiżi komparattiva addizzjonali mill-PRB. Dik l-analiżi turi li l-prestazzjoni relattiva tal-kosteffiċjenza ta' skeyes marret għall-aħgar meta mqabbla mal-LVNL⁽¹⁴⁾, li għandha ambjent operazzjonali simili ħafna u li hija inkluża fl-istess grupp komparatur għall-fini tal-valutazzjoni tal-miri ta' prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza⁽¹⁵⁾. Fl-aħħar tal-RP2, il-kost unitarju ta' skeyes għall-2019 kien 2,2 % ogħla mill-kost unitarju tal-LVNL⁽¹⁶⁾. Sa tmiem l-RP3, fl-2024, wara l-aġġustament tal-kost unitarju ta' skeyes għat-tnaqqis tal-kost ta' darba ta' EUR 6,5 M (f'EUR 2017) imsemmi fil-premessa (30), il-kost unitarju ta' skeyes huwa mistenni li jkun ogħla b'9,4 % mill-kost unitarju tal-LVNL.
- (35) Abbażi tal-evalwazzjoni tal-PRB, din id-differenza fil-kosteffiċjenza bejn skeyes u l-LVNL hija kkawżata prinċipalment mill-kostijiet tal-persunal. Abbażi tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni, skeyes tippjana li fl-2024 tonfoq 23 % aktar fuq il-kostijiet tal-persunal għal kull unità ta' servizz en route mil-LVNL. Espressa f'termini monetarji u aġġustata għall-bażi tal-kost annwali ta' skeyes, dik id-diskrepanza tirrappreżenta ħlas addizzjonali lill-utenti tal-ispazju tal-ajru ta' EUR 18,7-il M (f'EUR 2017) għal dik is-sena.
- (36) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-kosteffiċjenza ta' skeyes hija affettwata b'mod sinifikanti mill-kostijiet li jirriżultaw minn skema ta' rtirar bikri msejħa "reġim ta' disponibbiltà funzjonali tad-DISPO" ("skema DISPO" jew "DISPO") li, f'konformità mal-liġi Belġjana⁽¹⁷⁾, tippermetti lill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru ("ATCOs") li jaħdmu ma' skeyes jirtiraw mill-kariga ħames snin qabel id-data tal-irtirar legali ta' tagħhom. Matul daww il-ħames snin, huma jirċievu benefiċċju li jammonta għal bejn 75 % u 85 % tal-aħħar salarju ta' tagħhom. Skont l-informazzjoni pprovduta fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, l-ATCOs bħalissa jitqiegħdu taħt id-DISPO fl-età ta' 56 sena u dan il-limitu ta' età se jżied għal 57 sena mill-2025 'il quddiem.
- (37) Il-Kummissjoni tinnota li l-kostijiet tal-iskema DISPO jitħallsu kompletament minn skeyes, li tgħaddi daww il-kostijiet lill-utenti tal-ispazju tal-ajru permezz tal-bażijiet tal-kostijiet en route u tat-terminal ta' tagħha. Abbażi tad-*data* tal-kostijiet storiċi u l-istimi tal-kostijiet futuri dettaljati għall-RP3 provduti mill-Belġju, il-kostijiet en route li jirriżultaw mid-DISPO jammontaw għal total ta' EUR 29 M (f'EUR 2017) matul l-RP3 u kważi rduppjaw meta mqabbla mal-RP2. Fir-rigward tas-sena 2024, il-kostijiet determinati en route li jirriżultaw mill-iskema DISPO huma rrapportati mill-Belġju li jammontaw għal EUR 8,7 M (f'EUR 2017).
- (38) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-kost dejjem akbar tad-DISPO maż-żmien huwa kkawżat mill-għadd ogħla ta' ATCOs li jibbenefikaw minn dik l-iskema. Fil-fatt, filwaqt li l-Belġju rrapporta għal skeyes kollha kemm hi b'total ta' 43 FTEs skont id-DISPO fl-2022, dak in-numru huwa mistenni jilħaq 71 FTEs fl-2024. Żieda gradwali u kostanti fl-għadd ta' FTEs skont id-DISPO hija mistennija mill-Belġju, anke wara l-RP3, mill-anqas sal-2030.

⁽¹⁴⁾ "Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru fin-Netherlands" (LVNL).

⁽¹⁵⁾ Kif stabbilit fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891.

⁽¹⁶⁾ Il-kostijiet unitarji ta' skeyes u tal-LVNL it-tnejn jeskludu l-unitajiet tas-servizzi attribwibbli għall-MUAC fiż-żoni tal-imposti rispettivi ta' tagħhom. Il-kostijiet unitarji għal skeyes u l-LVNL ikopru s-servizzi kollha tan-navigazzjoni bl-ajru en route, inklużi s-servizzi meteoroloġiċi (MET) li fin-Netherlands huma provduti minn fornitur tal-MET separat mil-LVNL.

⁽¹⁷⁾ Id-Digriet Irjali tat-23 ta' April 2017.

- (39) Il-Kummissjoni tinnota li matul it-tqegħid tagħhom taħt l-iskema DISPO, l-ATCOs ikkonċernati jibqgħu għad-dispożizzjoni ta' skeyes u jistgħu jissejħu lura għas-servizz minn skeyes fi kwalunkwe ħin, b'remunerazzjoni sħiħa, sabiex iwettqu kompiti minbarra dawk ta' ATCO operazzjonali. Madankollu, l-informazzjoni pprovduta mill-Belġju tindika li għadd limitat ħafna ta' ATCOs imqiegħda taħt id-DISPO biss fil-fatt ġew imsejħa lura minn skeyes. Mill-2015, ġew imsejħa lura 17-il ATCO, xi wħud minnhom diversi drabi għal funzjonijiet differenti. Wara li kkunsidraw l-istimi provduti mill-PRB, dawk l-ATCOs imsejħa lura provdew kontribut ta' madwar 4 FTEs fl-2022 għal attivitajiet relatati mal-forniment ta' servizzi en route. Dawk l-4 FTEs jirrappreżentaw biss wieħed minn għaxra tal-grupp totali ta' FTEs li setgħu kienu disponibbli taħt id-DISPO. Dan jindika li skeyes tagħmel użu limitat ħafna mill-persunal disponibbli taħt id-DISPO.
- (40) Il-Belġju ma propona l-ebda miżura ta' mitigazzjoni fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni biex jillimita dan l-impatt finanzjarju dejjem jikber tal-iskema DISPO fuq il-bażi tal-kost tal-RP3.

Osservazzjonijiet speċifiċi dwar l-MUAC

- (41) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll kif l-Istati Membri li jappartjenu għall-Ftehim tal-MUAC⁽¹⁸⁾, jiġifieri l-Belġju, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u n-Netherlands ("l-Istati tal-MUAC") jallokaw il-kostijiet determinati totali mġarrba mill-MUAC għaż-żoni tal-imposti rispettivi tagħhom.
- (42) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-kostijiet determinati tal-MUAC jitqassmu bejn l-Istati tal-MUAC abbażi ta' kriterju wieħed, jiġifieri l-għadd ta' ATCOs kwalifikati fis-servizz jew pjanati li jkunu fis-servizz fit-tliet gruppi settorjali⁽¹⁹⁾ tal-MUAC fil-1 ta' Jannar ta' kull sena. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li 92 % tal-kostijiet tal-grupp tas-settur ta' Brussell ("is-settur ta' Brussell") huma allokati għaż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu. Iż-żewġ gruppi tas-settur l-oħrajn tal-MUAC, jiġifieri "il-grupp tas-settur tad-DECO" u l-"grupp tas-settur ta' Hannover", jinsabu barra mill-ambitu ġeografiku taż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu u għalhekk ma jiġġenerawx kostijiet allokati għal dik iż-żona tal-imposti.
- (43) Il-Kummissjoni tifhem li l-metodoloġija tal-allokkazzjoni tal-kostijiet ġiet stabbilita fil-Ftehim tal-MUAC u hija sostnuta mis-suppożizzjoni li l-għadd ta' ATCOs f'kull settur jirrifletti l-ammont ta' xogħol għall-forniment tas-servizzi u, għalhekk, il-kostijiet tas-servizzi u l-kumplessità ta' kull settur.
- (44) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li matul dawn l-aħħar ftit snin il-Belġju esprima t-tħassib tiegħu dwar l-effetti ta' din il-metodoloġija tal-allokkazzjoni tal-kostijiet fuq iż-żona tal-imposti tiegħu. B'mod partikolari, il-Belġju jsostni li l-kontribuzzjoni tiegħu għall-kostijiet totali tal-MUAC, ikkalkolati abbażi tal-għadd ta' ATCOs allokati lis-settur ta' Brussell, huwa sproporzjonalment għoli meta jitqies il-fatt li s-settur ta' Brussell jiġġenera għadd komparattivament aktar baxx ta' unitajiet ta' servizzi u dħul relatat miż-żewġ setturi tal-MUAC l-oħrajn. Il-Belġju jindika wkoll li l-kumplessità ogħla tal-isparju tal-ajru tiegħu, li twassal għal ammont ta' xogħol addizzjonali għall-ATCOs, tispjega l-kost ogħla għal kull unità ta' servizz tas-settur ta' Brussell tal-MUAC meta mqabbel maż-żewġ setturi tal-MUAC l-oħrajn.
- (45) Abbażi tal-evalwazzjoni tal-PRB, il-Kummissjoni tinnota li s-sehem tal-kostijiet totali tal-MUAC allokati lill-Belġju u lil-Lussemburgu fil-fatt żdied maż-żmien, peress li l-għadd ta' ATCOs assenjati lis-settur ta' Brussell żdied. Konsegwentement, filwaqt li l-Belġju u l-Lussemburgu kkontribwew għal 32 % tal-kostijiet tal-MUAC fl-2014, dak is-sehem żdied għal 34 % fl-RP3. L-effett ta' dik il-bidla fuq il-bażi tal-kost taż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu huwa aggravat ulterjorment biż-żieda ġenerali tal-kostijiet totali tal-MUAC. Il-Kummissjoni tinnota li l-kostijiet determinati tal-MUAC għaż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu huma stabbiliti 39 % ogħla f'termini reali għall-2024 milli fl-2014⁽²⁰⁾, filwaqt li l-unitajiet tas-servizzi għaż-żona tal-imposti fl-2024 huma previsti li huma biss 11 % ogħla mil-livell tagħhom tal-2014.

⁽¹⁸⁾ Ftehim relatat mal-Forniment u l-Operat ta' Servizzi u Faċilitajiet tat-Traffiku tal-Ajru mill-EUROCONTROL fiċ-Ċentru ta' Kontroll taż-Żona ta' Maastricht, iffirmat fil-25 ta' Novembru 1986.

⁽¹⁹⁾ L-operazzjonijiet tal-MUAC huma maqsuma fi tliet gruppi settorjali, jiġifieri l-"grupp tas-settur ta' Brussell", il-"grupp tas-settur tad-DECO" u l-"grupp tas-settur ta' Hannover".

⁽²⁰⁾ Ikkalkolat abbażi tal-valur ta' referenza tal-2014.

- (46) Il-Kummissjoni tiegħu nota tad-dikjarazzjoni magħmula mill-Belġju matul l-eżami dettaljat li jindika li l-metodoloġija għall-finanzjament tal-kostijiet tal-MUAC stabbilita fl-1986 “*hija bbażata fuq sistema ta’ rkupru tal-kostijiet*” u “*ma tikkonformax mar-regolament ekonomiku impost mill-iskema ta’ prestazzjoni*”. Skont l-osservazzjonijiet relatati mqajma mill-PRB, il-MUAC jibbenefika, *de facto*, minn dik li tissejjaħ sistema ta’ rkupru tal-kostijiet sħaħ. Għalhekk, minkejja li huwa fornitur ta’ servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru li jaqa’ fl-ambitu tal-iskema ta’ prestazzjoni u ta’ imposti f’konformità mal-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-MUAC ma jġorrx ir-riskji finanzjarji jew japplika l-inċentivi finanzjarji li jirriżultaw mill-mekkaniżmu tal-kondiviżjoni tar-riskju tat-traffiku stabbilit fl-Artikolu 27 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tar-riskju tal-kostijiet stabbilit fl-Artikolu 28 ta’ dak ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni 2019/317 u l-inċentivi għall-ilhug tal-miri tal-kapaċità stabbiliti fl-Artikolu 11(3) ta’ dak ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni.
- (47) Il-Kummissjoni tinnota li l-informazzjoni miksuba għall-ewwel darba matul l-eżami dettaljat dwar l-implimentazzjoni tal-iskema ta’ prestazzjoni u ta’ imposti fir-rigward tal-MUAC tqajjem tħassib f’termini ta’ konformità mar-rekwiżiti legali rilevanti. Din il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċediment ta’ ksur, li l-Kummissjoni tista’ twettaq fir-rigward ta’ dik il-kwistjoni.

Kostijiet relatati mal-investimenti tal-RP2 posposti jew kanċellati

- (48) Il-Kummissjoni tinnota li, matul l-RP2, kemm skeyes kif ukoll il-MUAC ipposponew jew ikkanċellaw diversi investimenti pjanati f’assi fissi, li kienu parti mill-pjan ta’ prestazzjoni tal-RP2. L-utenti tal-ispazju tal-ajru ġew imposti parzjalment għal dawk l-investimenti bħala parti mill-bażi tal-kost għaż-żona tal-imposti ta’ bejn il-Belġju u l-Lussemburgu minkejja l-fatt li dawk l-investimenti ma kinux kompluti u għalhekk ma pprovdewx il-benefiċċji operazzjonali mistennija. Skont il-kalkoli magħmula mill-PRB, li ġġenera, f’termini nominali u għall-RP2 kollu kemm hu, qligħ ta’ EUR 7,8 M fir-rigward ta’ skeyes u qligħ ta’ EUR 2,1 M fir-rigward tal-MUAC. Il-Belġju jindika li mhux qed jippjana li jirrimborża lill-utenti tal-ispazju tal-ajru kwalunkwe ammont mitlub fl-RP2 għall-investimenti pjanati u mhux kompluti f’assi fissi peress li jqis li ma hemm l-ebda rekwiżit legali li jsir dan fir-rigward tal-RP2.
- (49) F’każ li xi wħud minn dawk l-investimenti tal-RP2 jiġu finalizzati fi stadju aktar tard, f’konformità mal-Artikolu 22(7) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jenħtieġ li l-ASN tal-Belġju u tal-Lussemburgu jiżguraw li kwalunkwe ammont relatat, li diġà ġie rkuprat fl-RP2, ma jiġix impost għat-tieni darba lill-utenti tal-ispazju tal-ajru fl-RP3 jew f’perjodi ta’ referenza sussegwenti.

Sejbiet dwar il-kumplessità tal-forniment ta’ servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fiż-żona tal-imposti, u l-evoluzzjoni tagħha maż-żmien

- (50) Il-Belġju u l-Lussemburgu jargumentaw li l-kumplessità tal-ispazju tal-ajru hija fattur ewlieni wara d-devjazzjoni tal-miri ta’ prestazzjoni tal-kosteffiċjenza proposti tagħhom mix-xejriet tad-DUC għall-Unjoni kollha. Il-Belġju u l-Lussemburgu jispjegaw b’mod partikolari li l-kumplessità tal-ispazju tal-ajru ta’ bejn il-Belġju u l-Lussemburgu żżid l-ammont ta’ xogħol relattiv tal-ATCOs u b’hekk tikkostitwixxi piż negattiv fuq il-produttività tal-ATCO u fuq il-bażi tal-kost en route.
- (51) Wara li qieset is-sejbiet li saru mill-PRB, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-ispazju tal-ajru fiż-żona tal-imposti tal-Belġju u tal-Lussemburgu huwa kumpless ħafna minħabba l-għadd kbir ta’ titjiriet u t-taħlita ta’ trajettorji tat-titjiriet. Għalhekk, skeyes u l-MUAC qed jiffaċċjaw kundizzjonijiet operatorji kumplessi.
- (52) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-Belġju u l-Lussemburgu ma provdew l-ebda evidenza li turi li l-operazzjonijiet fl-RP3 saru aktar kumplessi milli fl-RP2, jew li fix-xhur li jifdal tal-RP3, il-kumplessità tkompli tiżdied.
- (53) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, li ġiet analizzata ulterjorment mill-PRB, il-kumplessità baqgħet relattivament stabbli matul l-RP2 fir-rigward kemm ta’ skeyes kif ukoll tal-MUAC. Fir-rigward tal-2020 u l-2021, ma tista’ tinħareġ l-ebda konklużjoni sinifikanti dwar il-kumplessità tal-operazzjonijiet minħabba l-livelli eċċezzjonalment baxxi ta’ traffiku, li rriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19. Fir-rigward tal-bqija tal-RP3, ma hemm l-ebda evidenza biex wieħed jassumi li l-kumplessità se tvarja b’mod sinifikanti mis-sitwazzjoni osservata matul l-RP2.

- (54) Minħabba li l-kumplessità relattivament għolja tal-operazzjonijiet fiż-żona tal-imposti tal-Belġju u tal-Lussemburgu kienet kostanti maż-żmien taħt kundizzjonijiet normali tat-traffiku, kif spjegat fil-premessi (52) u (53), il-Kummissjoni tqis li din il-kumplessità ma tistax tiġi invokata bħala ġustifikazzjoni għaż-żidiet fil-kostijiet fl-RP3. Għalhekk, is-sejbiet fil-premessa (23) fir-rigward tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punti 1.4(a) u (b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 se jinżammu.
- (55) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li l-kumplessità tal-operazzjonijiet diġà tqieset waqt li ġew definiti l-gruppi komparaturi tal-ANSPs, li jintużaw għall-finijiet tal-kriterju ta' valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Il-gruppi komparaturi stabbiliti bħalissa huma magħmula minn ANSPs b'kundizzjonijiet operazzjonali u ekonomiċi simili u l-grupp komparatur tal-Belġju u tal-Lussemburgu jinkludi l-Awstrija, l-Iżvizzera u n-Netherlands, li kollha jiffaċċjaw ambjent operazzjonali relattivament kumpless. Għalhekk, tinżamm is-sejba fil-premessa (24) fir-rigward tal-kriterju ta' valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV.

Sejbiet dwar l-arranġamenti ta' forniment ta' servizzi transfruntiera ma' pajjiżi ġirien, u l-impatt operazzjonali u finanzjarju tagħhom

- (56) Fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni rivedut, il-Belġju u l-Lussemburgu jispjegaw li s-settur ta' Brussell tal-MUAC jinkludi l-forniment ta' servizzi transfruntiera fl-ispazju tal-ajru ta' Franza u tal-Ġermanja. Il-Belġju u l-Lussemburgu jispeċifikaw ukoll li l-unitajiet tas-servizz en route għat-titjiriet kontrollati mill-MUAC f'dawk iż-żoni transfruntiera huma rreġistrati fiż-żoni tal-imposti ta' dawk l-Istati Membri, filwaqt li l-kostijiet għal dawk is-servizzi provduti huma imposti fuq l-utenti li jtiru fiż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu. Il-Belġju u l-Lussemburgu jindikaw li din is-sitwazzjoni twassal għal żieda fil-kost unitarju determinat fiż-żona tal-imposti tagħhom.
- (57) Matul l-eżami dettaljat, il-Kummissjoni analizzat l-arranġamenti transfruntiera għall-forniment ta' servizzi relatati maż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu. Il-Kummissjoni sabet li l-MUAC jipprovdi servizzi fi tliet żoni transfruntiera li jinsabu fi Franza u fil-Ġermanja, li huma ta' sinifikat f'termini ta' volum ta' xogħol u li għalihom il-MUAC ma jirċievi l-ebda kumpens finanzjarju mill-Istati Membri li ddelegaw il-forniment tas-servizz. L-istess osservazzjoni tista' ssir fir-rigward ta' żewġ żoni transfruntiera li jinsabu fl-ispazju tal-ajru tan-Netherlands li fihom il-forniment ta' servizzi huwa delegat lil skeyes.
- (58) Abbażi ta' analiżi ulterjuri mwettqa mill-PRB, il-Kummissjoni tistma li s-servizzi provduti mill-MUAC u skeyes fiż-żoni transfruntiera msemmija fil-premessa (57) kienu jirrappreżentaw kost totali ta' madwar EUR 12,2-il M (f'EUR 2017) fl-2019, li minnhom is-sehem tal-MUAC jammonta għal EUR 6,8 M (f'EUR 2017) u s-sehem ta' skeyes għal EUR 5,4 M (f'EUR 2017).
- (59) Madankollu, il-Kummissjoni tinnotta li l-Belġju ma rrapporta l-ebda bidla fil-forniment ta' servizzi minn skeyes u l-MUAC f'żoni transfruntiera matul l-RP2 jew l-RP3. Dawk l-attivitajiet ma espandewx f'termini ta' ambitu u ma ġġenerawx ammont ta' xogħol addizzjonali għall-ANSPs matul l-RP2 u l-RP3. Għalhekk, peress li l-kostijiet assoċjati baqgħu stabbli b'mod proporzjonali bħala sehem mill-bażi tal-kost totali taż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu, is-servizzi provduti minn skeyes u l-MUAC f'żoni transfruntiera ma għandhomx impatt notevoli fuq il-kalkolu tax-xejriet tal-kosteffiċjenza. Għalhekk, is-sejbiet fil-premessa (23) fir-rigward tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punti 1.4(a) u (b) tal-Anness IV jinżammu.
- (60) Fl-aħħar, filwaqt li l-arranġamenti għall-forniment ta' servizzi transfruntiera eżaminati jgħibu benefiċċji notevoli billi jnaqqsu l-kumplessità tal-operazzjonijiet u jtejbju l-effiċjenza tas-servizzi, il-prinċipju "l-utent iħallas" stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 550/2004 jinvolti li "l-utenti tal-ispazju tal-ajru għandhom iħallsu għall-ispejjeż li joħlqu fil-punt tal-użu jew kemm jista' jkun possibbli qrib tiegħu" ⁽²¹⁾. Għaldaqstant, l-Artikolu 21(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 jirrikjedi li ż-żoni tal-imposti jkunu "konsistenti mal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru" u jistipula li "jistgħu jinkludu servizzi forniti minn fornitur ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru stabbilit fi Stat Membru ieħor fir-rigward tal-ispazju tal-ajru transfruntier". L-Artikolu 22(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jispeċifika wkoll li l-bażi tal-kost għal żona tal-imposti "għandha tikkonsisti fil-kostijiet iddeterminati relatati mal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fiż-żona tal-imposti kkonċernata".

⁽²¹⁾ Il-premessa 22 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10).

- (61) Fid-dawl ta' dak li ntqal fil-premessa (60), il-Kummissjoni tqis li l-arranġamenti ta' finanzjament fis-seħħ għall-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fiż-żoni transfruntiera msemmija fil-premessa (57), ma humiex konformi mar-rekwiżiti legali li fuqhom hija bbażata l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Din il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċediment ta' ksur, li l-Kummissjoni tista' twettaq fir-rigward ta' din il-kwistjoni.
- (62) Minħabba li l-finanzjament tas-servizzi provduti f'żoni transfruntiera ma huwiex konformi mad-dispożizzjonijiet legali msemmija fil-premessa (60), ma jistax jintuża biex jiġġustifika kwalunkwe aġġustament tal-valur ta' referenza għall-2019 għall-fini tal-kriterju ta' valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Barra minn hekk, wara tqiesu s-sejbiet li saru mill-PRB, anke li kieku l-valur ta' referenza għall-2019 taż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu ġie aġġustat għas-servizzi pprovduti f'żoni transfruntiera, xorta waħda kien jirriżulta f'differenza ta' +5,9 % għaż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu meta mqabbel mal-valur ta' referenza medju tal-grupp komparatur. Għalhekk, tinżamm is-sejba fil-premessa (24) fir-rigward tal-kriterju ta' valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV.

Sejbiet dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi en route u tat-terminal

- (63) Fl-RP3, il-Belġju introduċa metodoloġija riveduta ta' allokazzjoni tal-kostijiet għat-tqassim tal-kostijiet determinati bejn is-servizzi en route u tat-terminal għall-RP3. Il-bidliet proposti jikkonċernaw l-allokazzjoni tal-kostijiet tas-servizzi ta' kontroll tal-avviċinament ("kostijiet tal-avviċinament") imġarrba minn skeyes u l-allokazzjoni tal-kostijiet imġarrba mill-ASN Belġjana. Il-Kummissjoni tinnota li l-Belġju ddeċieda li jalloka l-kostijiet tal-approċċ tiegħu kważi kompletament għas-servizzi en route, li jwassal għat-trasferiment ta' kostijiet determinati addizzjonali għaż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu fl-RP3.
- (64) Il-Kummissjoni tosserva li l-Belġju u l-Lussemburgu aġġustaw il-valuri ta' referenza għall-2014 u għall-2019 fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni sabiex iqisu l-bidliet fl-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi en route u tat-terminal. Għalhekk, dawk il-bidliet ma jaffettwawx direttament il-valutazzjoni tal-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.
- (65) Madankollu, wara li qieset l-evalwazzjoni li saret mill-PRB, il-Kummissjoni tinnota li l-Belġju żied il-valur ta' referenza għall-2019 għaż-żona tal-imposti en route b'EUR 14,3-il M (f'EUR 2017) filwaqt li fl-istess ħin naqqas il-valur ta' referenza għaż-żona tal-imposti tat-terminal tiegħu, li tinkludi l-ajruport ta' Brussell (EBBR), b'EUR 4,4 M (f'EUR 2017). Il-Kummissjoni hija konxja li skeyes iġġarrab ukoll kostijiet fir-rigward tas-servizzi ta' avviċinament ipprovduti f'ajruporti reġjonali, li huma barra mill-ambitu tal-pjan ta' prestazzjoni fl-RP3. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-Belġju naqas milli jispjega u jiġġustifika b'mod adegwat id-diskrepanza kbira bejn l-aġġustamenti applikati għall-valuri ta' referenza en route u tat-terminal, peress li l-kostijiet tal-avviċinament riallokati relatati mal-ajruporti reġjonali barra mill-ambitu tal-pjan ta' prestazzjoni jidhru sproporzjonati.
- (66) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssib li, bl-inklużjoni tal-kostijiet tal-avviċinament tagħha kważi kompletament fil-bażi tal-kost en route, il-Belġju ma assenjax dawk il-kostijiet b'mod proporzjonali bejn is-servizzi en route u s-servizzi tat-terminal abbażi ta' metodoloġija trasparenti. Il-Kummissjoni tqis li din l-allokazzjoni tal-kostijiet tal-avviċinament ma tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(2), il-punt (e), tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 u fl-Artikolu 22(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.
- (67) Għalhekk, fid-dawl tal-osservazzjonijiet fil-premessi (63) sa (66), din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċediment ta' ksur, li l-Kummissjoni tista' twettaq fir-rigward tal-bidliet fil-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet applikata fl-RP3 mill-Belġju.

Konklużjoni dwar il-valutazzjoni abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/317

- (68) Fid-dawl tal-osservazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu ma jissodisfaw l-ebda wieħed mill-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

Valutazzjoni tal-miżuri invokati mill-Belġju u mil-Lussemburgu biex jiġġustifikaw id-devjazzjonijiet osservati mix-xejriet tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha

- (69) Barra minn hekk, skont il-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni trid teżamina jekk id-devjazzjonijiet mill-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), 1.4(b) u 1.4(c) ta' dak l-Anness humiex meħtieġa u proporzjonati sabiex jippermettu l-ilħuq tal-miri ta' prestazzjoni fiż-żona ewlenija ta' kapaċità ta' prestazzjoni jew biex jimplimentaw miżuri ta' ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2(18) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. B'mod partikolari, il-Kummissjoni vverifikat jekk id-devjazzjonijiet osservati mix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha u mix-xejra tad-DUC fit-tul għall-Unjoni kollha humiex esklużivament dovuti għal kostijiet determinati addizzjonali għal miżuri relatati mal-kapaċità.
- (70) Wara li kkunsidrat il-kalkoli magħmula mill-PRB, il-Kummissjoni tinnota li d-differenza stmata bejn il-kostijiet determinati en route taż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu tal-RP3 għas-sena 2024 u l-kostijiet determinati li jkunu meħtieġa biex tiġi ssodisfata x-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha tal-RP3 hija ta' madwar EUR 8,2 M f'EUR 2017, filwaqt li hija osservata differenza korrispondenti ta' madwar EUR 43,7 M f'EUR 2017 fir-rigward tax-xejra tad-DUC fit-tul għall-Unjoni kollha.
- (71) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni fih seba' miżuri għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità ("miżuri relatati mal-kapaċità"), li huma meqjusa mill-Belġju u mil-Lussemburgu bħala meħtieġa għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità u li skont il-Belġju u l-Lussemburgu jiġġustifikaw id-devjazzjonijiet tal-miri tal-prestazzjoni tagħhom tal-kosteffiċjenza mill-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha.
- (72) Wara s-sejbiet stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2022/2255 fir-rigward ta' dawk il-miżuri relatati mal-kapaċità, il-Kummissjoni analizzat ulterjorment dawk il-miżuri.

Miżura 1

- (73) L-ewwel miżura relatata mal-kapaċità ("Miżura 1") tinkludi r-reklutaġġ u t-taħriġ tal-ATCOs minn skeyes sabiex jinżammu livelli adegwati ta' persunal tal-ATCO fl-RP3 u fir-raba' perjodu ta' referenza ("RP4"). Il-Belġju u l-Lussemburgu jispjegaw li l-Miżura 1 hija essenzjali sabiex jiġi indirizzat it-tixjiħ tal-forza tax-xogħol tal-ATCO u l-għadd kbir konsegwenti ta' rtirar mistenni matul l-RP3 u l-RP4. Dak l-irtirar jirriżulta b'mod partikolari mill-applikazzjoni tal-iskema DISPO msemmija fil-premessa (36).
- (74) Il-Belġju enfasizza wkoll, matul l-eżami dettaljat, li l-għadd ta' ATCOs f'operazzjonijiet fi skeyes jonqos bi 15 % sal-aħħar tal-RP3 mingħajr l-attivatajiet ta' taħriġ u ta' reklutaġġ previsti fil-Miżura 1. Skont il-Belġju, dan iwassal għal tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità.
- (75) Fid-dawl tal-informazzjoni provduta mill-Belġju, il-Kummissjoni taqbel li t-taħriġ u r-reklutaġġ tal-ATCOs minn skeyes huma meħtieġa sabiex jinżammu u jittejbu l-livelli ta' persunal tal-ATCO u sabiex jiġi żgurat li l-għadd ta' ATCOs ikun adegwat fid-dawl tal-evoluzzjoni prevista tat-traffiku fil-futur. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-ħtieġa għal taħriġ estensiv bħal dan ta' ATCOs ġodda tirriżulta fil-biċċa l-kbira mill-irtirar bikri li jirriżulta mill-iskema DISPO.
- (76) Il-kostijiet totali tal-Miżura 1 żdiedu fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni u jammontaw għal madwar EUR 27 M (f'EUR 2017) matul l-RP3. Meta mqabbla mal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, il-kostijiet tal-Miżura 1 huma ogħla, f'termini nominali, b'22,4 % għall-2022, b'49,0 % għall-2023 u b'36,8 % għall-2024.
- (77) Il-Belġju jargumenta li ż-żieda fil-kostijiet tal-Miżura 1 hija ġustifikata mill-impatt ta' inflazzjoni ogħla u minn stima aktar akkurata tal-kostijiet attwali ta' reklutaġġ ġdid, minħabba rkupru aktar mgħaġġel tat-traffiku u rata ogħla minn dik mistennija ta' falliment tal-istudenti tal-ATCO fiċ-ċikli ta' taħriġ li diġà tlestew matul l-RP3. B'mod speċifiku, il-Belġju jispjega li skeyes aġġornat il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tagħha qabel is-sottomissjoni tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni u issa qed jippjana li tirrekluta ATCOs addizzjonali bil-kapaċità massima ta' taħriġ tagħha matul is-sinjura mill-2022 sal-2024.

- (78) Il-Kummissjoni tinnota li, b'mod parallel, skont l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni, l-għadd ta' ATCOs pjanati li jkunu f'operazzjonijiet fl-2024 huwa 6 % anqas milli fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni. Il-Kummissjoni tassumi li din is-sitwazzjoni tirriżulta mir-rata ogħla minn dik antiċipata ta' falliment tal-istudenti tal-ATCO fit-taħriġ fi skeyes, imsemmija fil-premessa (77).
- (79) Il-Kummissjoni tosserva li ż-żidiet fil-kostijiet li jikkonċernaw il-Miżura 1, imsemmija fil-premessa (76), huma ferm ogħla mill-bidliet fl-indiċi tal-inflazzjoni riflessi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni. Il-Kummissjoni tinnota li l-kostijiet inizjalment ippreżentati fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni fir-rigward tal-Miżura 1 kienu limitati għat-taħriġ tal-kontrolluri għall-finijiet tas-servizzi en route provduti minn skeyes fl-ambitu taż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu. Madankollu, abbażi tal-informazzjoni li waslet mill-Belġju matul l-eżami dettaljat, iż-żieda fil-kostijiet tal-Miżura 1 inklużi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tkopri wkoll it-taħriġ tal-kontrolluri minn skeyes għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal. Il-kostijiet relatati maż-żona tal-imposti tat-terminal jenħtieġ li ma jiġux inklużi fil-Miżura 1.
- (80) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-Belġju ma spjegax b'mod adegwat, minkejja li ntablab jagħmel dan, kif l-attivitajiet ipplanati ta' taħriġ tal-ATCO u l-konsum ipplanat tal-istudenti tal-ATCO ta' skeyes fir-rigward tas-servizzi en route ġew adattati bejn l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni u l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni. Barra minn hekk, il-Belġju ma ssostanzjax, fir-rigward tas-servizzi en route, il-kostijiet smati mġarrba minn skeyes għal kull student tal-ATCO u ma pprovdiex spjegazzjonijiet għall-varjabbiltà għolja ta' daww il-kostijiet minn sena għal oħra. Fid-dawl ta' daww il-kunsiderazzjonijiet, ma kienx possibbli għall-Kummissjoni li tikkwantifika kif iż-żieda pplanata fl-għadd ta' studenti tal-ATCO fi skeyes, imsemmija fil-premessa (77), tikkontribwixxi għall-bidla fil-kostijiet tal-Miżura 1 osservata fil-premessa (76) fir-rigward tas-servizzi en route.
- (81) Anke jekk wieħed jassumi li skeyes tabilħaqq ikollha kostijiet ta' taħriġ ogħla mġarrba fir-rigward tas-servizzi en route u minħabba għadd akbar ta' studenti tal-ATCO mill-2022 sal-2024, il-Kummissjoni tqis li daww il-kostijiet ogħla tat-taħriġ jiġu mitigati, mill-anqas sa punt sinifikanti, mill-kostijiet imnaqqsa tal-persunal li jirriżultaw mill-għadd aktar baxx ta' ATCOs pjanati f'operazzjonijiet matul l-istess perjodu ta' żmien, kif osservat fil-premessa (78).
- (82) Il-Kummissjoni tinnota li l-kostijiet imġarrba għall-Miżura 1 *de facto* jirriżultaw b'mod sinifikanti mill-iskema DISPO li l-Belġju nnifsu għażel li jadotta u japplika fir-rigward tal-ATCOs li jaħdmu fi skeyes. Huwa ċar li l-iskema DISPO twassal, matul l-RP3, għal għadd kbir ta' rtirar bikri ta' ATCOs, li s-sostituzzjoni simultanja tagħhom minn ATCOs ġodda tikkostitwixxi piż operazzjonali u finanzjarju konsiderevoli għal skeyes. Madankollu, wara li kkunsidrat l-evalwazzjoni li saret mill-PRB u l-ħtieġa imperattiva għal skeyes biex tiżgura l-forniment sikur u kontinwu tal-kapaċità meħtieġa fl-RP3, il-Kummissjoni tqis, fuq bilanċ, li l-Miżura 1 hija meħtieġa biex jintlaħqu l-miri lokali tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-Belġju naqas milli jiġġustifika li ż-żieda sinifikanti fil-kostijiet ippreżentati fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni għall-Miżura 1, meta mqabbla mal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, hija ġġustifikata u proporzjonata, ħlief fir-rigward tal-effett tal-inflazzjoni ogħla mbassra fuq daww il-kostijiet. Għalhekk, fir-rigward tal-kostijiet addizzjonali meqjusa meħtieġa u proporzjonati għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kostijiet li għandhom jitqiesu fir-rigward tal-Miżura 1 huma daww ippreżentati fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, kif ikkonvertiti f'termini reali.

Miżura 2

- (83) It-tieni miżura relatata mal-kapaċità ("Miżura 2") tikkonsisti fis-sostituzzjoni minn skeyes tas-sistema ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru ("ATM") tagħha b'sistema ta' ġestjoni tal-ispazju tal-ajru unika, integrata u armonizzata li għandha tiġi żviluppata mal-MUAC u mad-Difiża Belġjana bħala parti mill-proġett "Sistema tas-Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru Kondiviżi 3" ("Proġett SAS 3"). Madankollu, dik is-sistema ġdida tal-ATM ta' skeyes hija pjanata biss li tibda topera wara tmien l-RP3, possibbilment mhux qabel l-2030, u għalhekk huma pplanati biss attivitajiet preparatorji għall-RP3.
- (84) Il-Miżura 2 tinkludi wkoll l-aġġornament ta' nofs il-ħajja tas-sistema kurrenti tal-ATM ta' skeyes, li jenħtieġ li ssir operazzjonali matul fażi tranżizzjonali qabel l-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida tal-ATM li tirriżulta mill-proġett SAS 3. Il-Belġju ċċara, matul l-eżami dettaljat, li l-aġġornament ta' nofs il-ħajja jinkludi kemm titjib tekniku kif ukoll titjib funzjonali, li huwa mistenni li jippermetti kapaċità addizzjonali fl-RP4.

- (85) Il-kostijiet totali tal-Miżura 2 tnaqqsu fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni u jammontaw għal madwar EUR 7,4 M (f'EUR 2017) matul l-RP3. Meta mqabbla mal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, il-kostijiet tal-Miżura 2 huma aktar baxxi, f'termini nominali, b'1,9 % għall-2022, b'9,5 % għall-2023 u b'11,9 % għall-2024. Il-Belġju ċċara li daww il-bidliet jirriflettu aħjar il-valur attwali tal-kuntratt iffirmat minn skeyes f'Diċembru 2021 għall-aġġornament ta' nofs il-ħajja tas-sistema tal-ATM kurrenti tiegħu.
- (86) Il-Belġju ċċara matul l-eżami dettaljat li ma huwa se jiġġarrab l-ebda kost ta' deprezzament fl-RP3 fir-rigward tas-sistema l-ġdida tal-ATM li tirriżulta mill-proġett SAS 3. Madankollu, mill-informazzjoni provduta mill-Belġju huwa ċar li diġà huwa pplanat li l-kost tal-kapital għal "sistema ġdida tal-ATM" jiġi impost fl-RP3, minkejja l-fatt li l-varar ta' dik is-sistema se jsir biss diversi snin wara t-tmiem tal-RP3.
- (87) Il-Kummissjoni tqis li l-aġġornament pjanat u s-sostituzzjoni sussegwenti tas-sistema tal-ATM kurrenti ta' skeyes huma bħala tali ġġustifikati mil-lat operazzjonali u jistgħu jitqiesu meħtieġa għall-finijiet tal-ilħuq tal-miri tal-kapaċità.
- (88) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li hemm dubji serji dwar l-implimentazzjoni f'waqtha tal-Miżura 2. Fil-fatt, matul l-eżami dettaljat, il-Kummissjoni għet informata minn partijiet terzi li skeyes kienet qed tikkunsidra li tirtira mill-proġett SAS 3, li huwa l-bażi tal-iżvilupp pjanat tas-sistema l-ġdida tal-ATM. L-awtoritajiet Belġjani ma kkontestawx din l-informazzjoni, iżda enfasizzaw li d-diskussjonijiet kienu għadhom għaddejjin bejn il-partijiet involuti dwar il-futur tal-proġett. Fid-dawl ta' daww l-osservazzjonijiet, il-Kummissjoni tqis li l-Belġju ma pprovdix assigurazzjoni adegwata dwar l-implimentazzjoni tal-proġett SAS 3 jew dwar kwalunkwe soluzzjoni alternattiva li għandha tiġi stabbilita f'każ li l-proġett ma jimmaterjalizzax.
- (89) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-kostijiet tal-Miżura 2 jinkludu sehem kbir ta' kostijiet operatorji oħrajn, b'mod partikolari l-kostijiet tal-proġett relatati mat-tnejn tal-aġġornament ta' nofs il-ħajja tas-sistema tal-ATM eżistenti u fir-rigward tas-sistema l-ġdida. Il-Kummissjoni tqis li dawn il-kostijiet operatorji huma relatati mal-operat normali ta' ANSP u, għall-kuntrarju tas-sistemi tal-ATM infushom u l-komponenti tagħhom, ma jistgħux jitqiesu bħala direttament imġarrba għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità.
- (90) Għalhekk, fir-rigward tal-kostijiet addizzjonali meqjusa meħtieġa u proporzjonati għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kostijiet li għandhom jitqiesu fir-rigward tal-Miżura 2 jenħteġ li jkunu limitati għall-kostijiet ta' deprezzament u l-kost tal-kapital imġarrab għat-titjib ta' nofs il-ħajja tas-sistema tal-ATM ta' skeyes.

Miżura 3

- (91) It-tielet miżura relatata mal-kapaċità ("Miżura 3") hija relatata mal-emenda tal-Kundizzjonijiet Ġenerali tal-Impjiegi applikabbli għall-ATCOs li jaħdmu fil-MUAC ("il-pakkett GCE"), wara ftehim kollettiv konkluż f'2019 qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19. Il-Miżura 3 tikkonsisti f'żieda fir-remunerazzjoni tal-ATCOs li jaħdmu fil-MUAC b'10,75 %, bi skambju għal organizzazzjoni tax-xogħol aktar flessibbli.
- (92) Abbażi tal-informazzjoni li tinsab fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' flessibilità introdotti bħala parti mill-Miżura 3 jinkludu żieda fil-ħin tax-xogħol annwali għall-persunal tal-ATCO li għadu kif ġie reklutat, regoli ġodda dwar l-organizzazzjoni tax-xifts, il-possibilità li jiġu kuntrattati jiem tax-xogħol addizzjonali mill-ATCOs, ippjanar annwali aktar flessibbli tal-ħin tax-xogħol u tal-liv, kif ukoll il-possibilità li jintlaħaq qbil mal-ATCOs diġà impjegati dwar estensjoni possibbli tal-età tal-irtirar għal 60 sena.
- (93) Il-Kummissjoni tinnota li l-għan tal-Miżura 3 huwa, essenzjalment, li tiżdied id-disponibilità tal-ATCOs u l-flessibilità tas-sistema tar-roster sabiex tiġi akkomodata d-domanda għat-traffiku. Il-Belġju enfasizza li l-Miżura 3 kienet mistennija, fil-kundizzjonijiet tat-traffiku ta' qabel il-COVID, li tnaqqas id-dewmien fil-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru u b'hekk tevita l-kostijiet li jirriżultaw għall-utenti tal-ispazju tal-ajru. Il-Belġju kompli jiċċara li l-Miżura 3 għet inizjalment stmata li tippermetti lill-MUAC jistabbilixxi xifts addizzjonali għall-ATCOs, b'żieda ta' 1 050 xift addizzjonali fl-2019 u 3 150 xift addizzjonali fl-2024.
- (94) Fl-analiżi tiegħu provduta lill-Kummissjoni, il-PRB ikkonkluda li l-Miżura 3 tabilħaqq tippermetti lill-MUAC joffri kapaċità addizzjonali lill-utenti tal-ispazju tal-ajru matul is-snin kalendarji 2023 u 2024, u b'hekk jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità fl-RP3 f'ċirkostanzi fejn il-volumi tat-traffiku jkunu komparabbli mal-livell tagħhom ta' qabel il-pandemija.

- (95) Il-kostijiet totali tal-Miżura 3 żdiedu fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni u jammontaw għal madwar EUR 13,2-il M (f'EUR 2017) matul l-RP3. Meta mqabbla mal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, il-kostijiet tal-Miżura 3 huma ogħla, f'termini nominali, b'7,4 % għall-2022, b'9,0 % għall-2023 u b'9,2 % għall-2024. Skont l-informazzjoni provduta mill-Belġju matul l-eżami dettaljat, dawk iż-żidiet fil-kostijiet huma dovuti għall-inflazzjoni ogħla milli mistennija, li twassal għall-indiċjar tas-salarji tal-ATCOs li jaħdmu fil-MUAC.
- (96) Il-Belġju jindika li, fiż-żmien tal-approvazzjoni tagħha, il-kostijiet tal-Miżura 3 ġew stmati li huma ekwivalenti għar-reklutaġġ ta' ATCOs addizzjonali sabiex jiġu indirizzati l-iskarsezzi tal-persunal tal-ATCO esperjenzat mill-MUAC. Madankollu, dik l-affermazzjoni ma ġiet appoġġata minn ebda ċifra jew evidenza dwar l-impatt ġenerali tal-Miżura 3 fuq il-bażi tal-kost tal-RP3. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika li l-kost tal-Miżura 3 fl-RP3 ikun ekwivalenti għall-kost li l-MUAC kien iġarrab biex jimpjega ATCOs addizzjonali sabiex iwassal l-istess benefiċċji tal-kapaċità.
- (97) Il-Kummissjoni tinnotta li l-PRB sab li l-kostijiet preżentati mill-Belġju u mil-Lussemburgu skont il-Miżura 3 huma ġustifikati u proporzjonati mal-benefiċċji li jirriżultaw għall-utenti tal-ispazju tal-ajru, inkluż l-evitar tad-dewmien tal-AFTM u tal-impatti operazzjonali u finanzjarji negattivi li jirriżultaw għall-utenti tal-ispazju tal-ajru inklużi l-passiġġieri u l-ambjent.
- (98) B'mod partikolari, il-PRB jindika li hemm evidenza li l-pakkett tal-GCE inkluż fl-ambitu tal-Miżura 3 ippermetta lill-MUAC iwassal prestazzjoni tal-kapaċità mtejba b'mod sinifikanti fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tagħha, jiġifieri l-2019, li evitat madwar EUR 30 M ta' kostijiet indiretti mid-dewmien tal-ATM għall-utenti tal-ispazju tal-ajru. Il-PRB jinnotta wkoll li, fl-2020 u fl-2021, it-tnaqqis qawwi fit-traffiku minħabba l-pandemija tal-COVID-19 ħoloq ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom id-dispożizzjonijiet ta' flessibilità addizzjonali stabbiliti fl-ambitu tal-Miżura 3 ma kinux meħtieġa. Madankollu, il-PRB iqis li l-MUAC immitiga b'mod adegwat l-impatt tal-Miżura 3 fir-rigward tal-2020 u l-2021, minħabba li l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni jispeċifika li "xi wħud mix-xifts żejda mill-2020 u mill-ewwel kwart tal-2021" ġew differiti sabiex jintużaw fil-bqija tal-RP3 mingħajr ebda kost addizzjonali. Il-PRB jikkonkludi li l-Miżura 3 hija ġustifikata b'mod ġenerali għal raġunijiet ta' kapaċità fl-RP3, peress li twassal għal disponibbiltà mtejba ta' riżorsi u għal massimizzazzjoni tal-kapaċità magħmula disponibbli fi żminijiet ta' domanda għolja għat-traffiku.
- (99) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 3 hija meħtieġa għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità u l-kostijiet tagħha huma proporzjonati fid-dawl tal-impatt operazzjonali ta' benefiċċju tagħhom fuq il-forniment tal-kapaċità.

Miżura 4

- (100) Ir-raba' miżura relatata mal-kapaċità ("Miżura 4") tikkonsisti fi proċess ta' analiżi mtejjeb ta' wara l-operazzjonijiet li għandu jiġi stabbilit mill-MUAC bl-appoġġ ta' għodod rilevanti u "faċilitajiet ta' intelligence tan-negozju". Il-Belġju u l-Lussemburgu jindikaw li l-iskop tal-Miżura 4, imsemmija fil-pjan ta' prestazzjoni rivedut bħala l-"proġett PABI", huwa li jippermetti l-ottimizzazzjoni ulterjuri tal-ippjanar tal-operazzjonijiet ta' kuljum tal-MUAC.
- (101) Abbażi tal-informazzjoni li tinsab fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni, il-Miżura 4 jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-akkomodazzjoni tad-domanda futura għat-traffiku u għall-evitar ta' restrizzjonijiet operazzjonali mhux meħtieġa għall-utenti tal-ispazju tal-ajru (imsejħa "regolamentazzjoni żejda"), li jwasslu għal dewmien fl-AFTM. Il-Kummissjoni tinnotta li l-Miżura 4 ġiet indikata mill-Belġju biex issir operazzjonali fl-2022, għalkemm dik l-informazzjoni ma ġietx ikkonfermata b'mod espliċitu mill-Belġju matul l-eżami dettaljat.
- (102) Wara li kkunsidrat l-ewwalizzjoni magħmula mill-PRB, il-Kummissjoni taqbel li l-kapaċitajiet analitiċi operazzjonali ppreżentati fl-ambitu tal-Miżura 4 jikkontribwixxu biex isir l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli bil-għan li tiġi massimizzata l-kapaċità magħmula disponibbli għall-utenti tal-ispazju tal-ajru, speċjalment fi żminijiet ta' domanda għolja għat-traffiku.
- (103) Il-kostijiet totali tal-Miżura 4 jammontaw għal madwar EUR 0,9 M (f'EUR 2017) matul l-RP3 u jibqgħu l-istess mill-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni preżentat fl-2021. Il-Kummissjoni tinnotta li l-PRB irrieżamina l-kostijiet tal-Miżura 4 u jqishom bħala ġustifikati.

- (104) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 4 hija meħtieġa għall-appoġġ tal-ilħuq kontinwu tal-miri tal-kapaċità u tqis li l-kostijiet tal-Miżura 4 huma proporzjonati fid-dawl tal-kisbiet strutturali u operazzjonali li huma stmati li jilhqqu.

Miżura 5

- (105) Il-ħames miżura relatata mal-kapaċità ("Miżura 5") tikkonċerna t-taħriġ *ab initio* ta' ATCOs ġodda għas-settur tal-MUAC ta' Brussell. Skont l-abbozz rivedut ta' prestazzjoni, l-attivitajiet ta' taħriġ tal-ATCO inklużi fl-ambitu tal-Miżura 5 ġew esternalizzati lil organizzazzjoni esterna tat-taħriġ ibbażata fi Franza.
- (106) Il-Belġju jispjega li r-reklutaġġ kontinwu tal-ATCO u t-taħriġ *ab initio* mill-MUAC huma meħtieġa sabiex jiġu evitati restrizzjonijiet tal-kapaċità fl-RP3 u f'perjodi ta' referenza futuri. Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju, il-Kummissjoni taqbel li t-taħriġ ta' ATCOs ġodda mill-MUAC huwa meħtieġ sabiex jinżammu u jittejjbu l-livelli ta' persunal tal-ATCO u sabiex jiġi żgurat li l-għadd ta' ATCOs ikun adegwat fid-dawl tal-evoluzzjoni tat-traffiku futur imbassra.
- (107) Il-kostijiet totali tal-Miżura 5 jammontaw għal madwar EUR 14,2-il M (f'EUR 2017) matul l-RP3. Matul l-eżami dettaljat, il-Belġju pprova diżaggregazzjoni tal-kostijiet tal-Miżura 5 taħt tliet kategoriji, jiġifieri l-kostijiet tal-persunal tal-istudenti tal-ATCO, il-kostijiet għall-bdoti tas-simulatur, u l-kostijiet imposti mill-organizzazzjoni tat-taħriġ. Il-Kummissjoni tinnota li l-PRB irrieżamina l-kostijiet tal-Miżura 5 u tqis li dawn huma ġustifikati.
- (108) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 5 hija meħtieġa għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità u li l-kostijiet tagħha huma proporzjonati fid-dawl tal-impatt operazzjonali tagħhom fuq il-forniment tal-kapaċità.

Miżura 6

- (109) Is-sitt miżura relatata mal-kapaċità ("Miżura 6") tinkludi l-impjeg ta' ATCOs addizzjonali għas-settur tal-MUAC ta' Brussell sabiex tiġi akkomodata d-domanda għat-traffiku fl-RP3 u fis-snin sussegwenti.
- (110) Skont l-informazzjoni li tinsab fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni, l-għadd ta' daww l-ATCOs huwa pjanat li jżied b'mod sostanzjali minn 106 għal 119-il ATCO matul l-RP3. Il-Belġju jindika li l-persunal tal-ATCO addizzjonali se jippermetti żieda fil-ħinijiet tal-ftuħ tas-settur u flessibilità operazzjonali akbar. Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju, il-Kummissjoni taqbel li r-reklutaġġ ta' ATCOs addizzjonali mill-MUAC huwa meħtieġ sabiex jappoġġa l-ilħuq tal-miri tal-kapaċità.
- (111) Il-kostijiet totali tal-Miżura 6 jammontaw għal madwar EUR 4,4 M (f'EUR 2017) matul l-RP3. Daww il-kostijiet huma relatati mar-remunerazzjoni tal-ATCOs addizzjonali li jidħlu fis-servizz matul l-RP3. Il-Kummissjoni tinnota li l-PRB irrieżamina l-kostijiet tal-Miżura 6 u tqis li dawn huma ġustifikati.
- (112) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-Miżura 6 hija meħtieġa għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità u li l-kostijiet tagħha huma proporzjonati fid-dawl tal-impatt operazzjonali tagħhom fuq il-forniment tal-kapaċità.

Miżura 7

- (113) Is-seba' miżura relatata mal-kapaċità ("Miżura 7") tkopri l-iżvilupp ta' sistema ġdida għall-ippjanar tal-ħaddiema mill-MUAC għall-fini li tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti operazzjonali ġodda. Il-Miżura 7 tinkludi l-iżvilupp ta' qafas ġdid għall-ippjanar tal-ħaddiema, għodda tas-sistema tar-roster modernizzata u għodod oħrajn għall-ippjanar tal-ħaddiema meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' rekwiżiti operazzjonali ġodda.
- (114) Wara li kkunsidrat l-evalwazzjoni li saret mill-PRB, il-Kummissjoni taqbel li l-kisbiet fl-effiċjenza permessi mis-sistema l-ġdida għall-ippjanar tal-ħaddiema se jikkontribwixxu għal prestazzjoni operazzjonali mtejjba u għal twassil aktar effiċjenti ta' servizzi.

- (115) Il-kostijiet totali tal-Miżura 7 jammontaw għal madwar EUR 0,8 M (f'EUR 2017) matul l-RP3. Il-Kummissjoni tinnota li l-PRB irrieżamina l-kostijiet tal-Miżura 7 u tqis li dawn huma ġustifikati.
- (116) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-Miżura 7 hija meħtieġa għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità u l-kostijiet tagħha huma proporzjonati fid-dawl tal-impatt operazzjonali tagħhom fuq il-forniment tal-kapaċità.

Impatt kombinat tal-miżuri relatati mal-kapaċità ppreżentati mill-Belġju u mil-Lussemburgu

- (117) Il-Kummissjoni analizzat ukoll is-seba' miżuri relatati mal-kapaċità ppreżentati mill-Belġju u mil-Lussemburgu fir-rigward tal-impatt ġenerali tagħhom u sabiex tevalwa jekk l-implimentazzjoni simultanja ta' dawk il-miżuri kollha hijiex meħtieġa għall-ilħuq tal-miri lokali tal-prestazzjoni tal-kapaċità.
- (118) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tieħu nota tas-sejbiet tal-PRB li skonthom dawk is-seba' miżuri relatati mal-kapaċità, meqjusin flimkien, huma xierqa u ġustifikati fid-dawl tal-eżitu operazzjonali mistenni ġenerali tagħhom u l-impatt kombinat li jirriżulta fuq il-forniment tal-kapaċità. Skont l-analiżi tal-PRB, l-implimentazzjoni kombinata ta' dawk il-miżuri tippermetti li skeyes u l-MUAC jimmaniġġaw b'mod effettiv il-livelli tat-traffiku mbassra fi żminijiet ta' domanda massima għat-traffiku, filwaqt li jsaħħu l-flessibbiltà u r-reżiljenza tal-forniment tas-servizz fil-każ ta' ċirkostanzi mhux previsti jew volatili. Il-PRB jikkonferma wkoll li l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri relatati mal-kapaċità meħuda flimkien ma twassalx għal kapaċità żejda fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru provduti fl-ispazju tal-ajru tal-Belġju u tal-Lussemburgu fix-xhur li jifdal tal-RP3⁽²²⁾. Fl-aħħar, il-PRB jindika li l-miżuri ppreżentati fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni fir-rigward tat-taħriġ u tal-impjeg ta' kontrolluri addizzjonali tat-traffiku tal-ajru huma komplementari mal-miżuri organizzazzjonali u tekniċi li jippermettu forniment aħjar tal-kapaċità.

Konklużjonijiet dwar il-miżuri invokati mill-Belġju u mil-Lussemburgu biex jiġġustifikaw id-devjazzjonijiet osservati mix-xejriet tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha

- (119) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tikkonkludi abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (71) sa (118) li l-kostijiet ippreżentati mill-Belġju u mil-Lussemburgu għall-Miżura 1 u 2 huma parzjalment meħtieġa u proporzjonati għall-ilħuq tal-miri ta' prestazzjoni tal-kapaċità, filwaqt li fir-rigward tal-Miżura 3 sa 7, il-kostijiet ppreżentati huma kompletament meħtieġa u proporzjonati għall-ilħuq ta' dawk il-miri.
- (120) It-tabella ta' hawn taħt turi l-kontribut li jirriżulta tal-miżuri relatati mal-kapaċità għad-diskrepanzi fix-xejriet tad-DUC għall-Unjoni kollha osservati fil-premessa (70) fir-rigward tas-sena rilevanti, jiġifieri l-2024.

Miżuri relatati mal-kapaċità ppreżentati mill-Belġju u mil-Lussemburgu	Kontribut għad-distakk max-xejriet tad-DUC għall-Unjoni kollha għaż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu, espress f'EUR 2017, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet meqjusa mill-Kummissjoni bħala meħtieġa u proporzjonati għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità
Miżura 1	EUR 7,7 M ⁽²³⁾
Miżura 2	EUR 0,3 M ⁽²⁴⁾
Miżura 3	EUR 4,4 M
Miżura 4	EUR 0,3 M
Miżura 5	EUR 4,7 M

⁽²²⁾ Abbażi tas-suppożizzjonijiet tat-traffiku li jinsabu fit-tbassir bażi tat-traffiku ta' STATFOR tal-Eurocontrol ta' Ottubru 2021.

⁽²³⁾ Ammont li jirrifletti s-sehem tal-kostijiet tal-Miżura 1 li nstab mill-Kummissjoni li kien meħtieġ u proporzjonat għall-ilħuq tal-miri lokali tal-prestazzjoni tal-kapaċità, f'konformità mas-sejbiet stabbiliti fil-premessa (82).

⁽²⁴⁾ Ammont li jirrifletti s-sehem tal-kostijiet tal-Miżura 2 li nstab mill-Kummissjoni li kien meħtieġ u proporzjonat għall-ilħuq tal-miri lokali tal-prestazzjoni tal-kapaċità, f'konformità mas-sejbiet stabbiliti fil-premessa (90).

Miżura 6	EUR 1,5 M
Miżura 7	EUR 0,3 M
Total	EUR 19,2-il M

- (121) Kif ippreżentat fit-tabella stabbilita fil-premessa (120), il-miżuri relatati mal-kapaċità jiġġustifikaw eċċess ta' EUR 19,2-il M (f'EUR 2017) fl-isfond tax-xejriet tad-DUC għall-Unjoni kollha. Dak l-eċċess huwa akbar mid-devjazzjoni stmata mix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha tal-RP3, li tammonta għal EUR 8,2 M (f'EUR 2017), iżda huwa iżgħar mid-devjazzjoni stmata ta' EUR 43,7 M (f'EUR 2017) mix-xejra tad-DUC fit-tul għall-Unjoni kollha. Għalhekk, il-Belġju u l-Lussemburgu għad għandhom diskrepanza mhux ġustifikata ta' EUR 24,5 M (f'EUR 2017) fl-isfond tax-xejra tad-DUC fit-tul għall-Unjoni kollha.
- (122) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 ma huwiex issodisfat fir-rigward tal-Belġju u tal-Lussemburgu.
- (123) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-Belġju u l-Lussemburgu ma ppreżentaw l-ebda miżura ta' ristrutturar fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni li jiġġustifika devjazzjoni mix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha jew mix-xejra tad-DUC fit-tul għall-Unjoni kollha skont il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(ii) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

Konklużjoni dwar il-valutazzjoni tal-miri ta' prestazzjoni riveduti

- (124) Fid-dawl tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (22) sa (123), il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu huma inkonsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha.

IS-SEJBIET MIR-RIEŻAMI TAL-MIRI TA' PRESTAZZJONI RIVEDUTI MWETTAQ F'KONFORMITÀ MAL-PUNT 2 TAL-ANNESS IV TAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI (UE) 2019/317

Miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza tat-terminal riveduti — il-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317

- (125) Fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/728, il-Kummissjoni qajmet tħassib dwar il-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza tat-terminal proposti mill-Belġju fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni. Dawk il-miri tal-kosteffiċjenza japplikaw biss fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal provduti fl-ajruport ta' Brussell. F'dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-Belġju jenħtieġ li kellu jiġġustifika aktar dawk il-miri jew jirrevedihom 'l isfel.
- (126) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni fih miri ta' prestazzjoni mtejbja tal-kosteffiċjenza tat-terminal għall-Belġju fir-rigward tas-snin kalendarji mill-2022 sal-2024, inkluż tnaqqis tal-kostijiet determinati f'termini reali għal dawk is-snin kalendarji. Il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC tat-terminal ta' +4,5 % matul l-RP3 għadha ogħla mix-xejra tad-DUC en route ta' +1,9 % matul l-RP3 u ogħla mix-xejra attwali tad-DUC tat-terminal ta' +0,5 % osservata matul l-RP2. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li d-DUC għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal fl-ajruport ta' Brussell għadu ogħla, b'marġni sinifikanti stmat ta' 55 %, mid-DUC tat-terminal medjan tal-grupp komparatur rilevanti ta' ajruporti tiegħu.

- (127) Fid-dawl tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (125) u (126), il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miri riveduti tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza tat-terminal proposti mill-Belġju għadhom jagħtu lok għal tħassib. Għalhekk, il-Kummissjoni ttenni l-fehma tagħha, kif stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/728, li l-Belġju jenħtieġ li jipprovdi ġustifikazzjonijiet adegwati għal dawk il-miri jew jirrevedihom 'l isfel.

Skemi ta' inċentivi għall-ilħuq tal-miri ta' prestazzjoni tal-kapaċità — il-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317

- (128) Fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/728, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Belġju u l-Lussemburgu kellhom jirrevedu l-iskemi ta' inċentivi tagħhom biex jintlaħqu miri tal-kapaċità en route u tat-terminal b'tali mod li l-iżvantaġġ finanzjarju massimu li jirriżulta minn dawk l-iskemi ta' inċentivi jiġi stabbilit f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul friskju. Il-Kummissjoni tinnota li l-Belġju u l-Lussemburgu ma għamlu l-ebda tibdil f'dawk l-iskemi ta' inċentivi fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni.
- (129) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-iskemi ta' inċentivi stabbiliti mill-Belġju u mil-Lussemburgu fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni jkomplu jagħtu lok għal tħassib. Għalhekk, il-Kummissjoni ttenni l-fehma tagħha li l-Belġju u l-Lussemburgu jenħtieġ li jirrevedu l-iskemi ta' inċentivi tagħhom għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità en route u tat-terminal sabiex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jirriżultaw minn dawk l-iskemi ta' inċentivi jiġu stabbiliti f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul friskju, kif meħtieġ mill-Artikolu 11(3), il-punt (a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-iskema riveduta ta' inċentivi jenħtieġ li twassal għal żvantaġġ finanzjarju massimu daqs jew ogħla minn 1 % tal-kostijiet determinati.

KONKLUŻJONIJIET

- (130) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Belġju u l-Lussemburgu jenħtieġ li jieħdu miżuri korrettivi skont it-tifsira tal-Artikolu 11(3), il-punt (c), it-tielet paragrafu, tar-Regolament (UE) Nru 549/2004. Dawk il-miżuri korrettivi jenħtieġ li jippermettu lill-Belġju u lil-Lussemburgu jiksbu konsistenza mal-miri ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha għall-RP3 li jikkorrispondu, abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni stabbilita f'din id-Deċiżjoni, għal tnaqqis tal-kostijiet determinati għaż-żona tal-imposti en route tal-Belġju u tal-Lussemburgu b'EUR 24,5 M, espressi f'termini reali fil-prezzijiet tal-2017.
- (131) Il-Kummissjoni tinnota li l-Belġju beħsiebu jwettaq rieżami tal-konformità tal-prestazzjoni ta' skeyes u tal-MUAC, li fih stieden lis-servizzi tal-Kummissjoni biex jieħdu sehem bħala osservaturi. Il-Kummissjoni tifhem li r-rieżami tal-konformità se jappoġġa t-tħejjija mill-Belġju ta' abbozz ta' pjan ta' prestazzjoni finali, li jenħtieġ li jqis il-miżuri korrettivi. Jekk dan ir-rieżami tal-konformità jipproduċi evidenza ġdida, il-Kummissjoni beħsiebha tqis dik l-evidenza l-ġdida.
- (132) Ċerti miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu mill-Belġju u mil-Lussemburgu f'konformità ma' din id-Deċiżjoni jistgħu ma jwasslux għall-effetti sħaħ tagħhom fl-RP3, minħabba n-natura tagħhom. Madankollu, il-Belġju u l-Lussemburgu xorta jenħtieġ li jibdeu jimplementawhom fl-RP3, abbażi ta' impenji vinkolanti li għandhom jiġu stabbiliti bħala parti mill-abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni finali tagħhom, anke jekk dawk il-miżuri jiġġeneraw titjib fil-kosteffiċjenza fil-perjodu ta' referenza li jmiss.
- (133) Il-miżuri korrettivi jenħtieġ li jiġu stabbiliti bħala parti mill-abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni finali li għandu jiġi preżentat lill-Kummissjoni fi żmien 3 xhur mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, f'konformità mal-Artikolu 15(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk l-abbozzi ta' pjanijiet ta' prestazzjoni finali jenħtieġ li jiġu adottati individwalment, fil-livell nazzjonali, mill-Belġju u mil-Lussemburgu, minħabba li l-attivitajiet tal-iffissar tal-miri ta' prestazzjoni fil-livell tal-FABEC ma tkomplewx bħala riżultat tal-irtirar ta' Franza, tal-Ġermanja u tan-Netherlands mill-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, kif spjegat fil-premessa (6).
- (134) Fid-dawl tas-sejbiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, il-Belġju u l-Lussemburgu jenħtieġ li, b'mod partikolari, jindirizzaw b'mod xieraq il-kwistjonijiet li ġejjin:
- (a) Applikazzjoni skorretta tad-dispożizzjonijiet legali rispettivi li jirregolaw il-kondiviżjoni tar-riskju tat-traffiku, il-kondiviżjoni tar-riskju tal-kostijiet u l-iskemi ta' inċentivi fir-rigward tal-MUAC, imsemmija fil-premessi (46) u (47);

- (b) Verifika mitluba mill-ASN li l-kostijiet mitluba fl-RP2 għall-investimenti kanċellati u mdewma f'assi fissi ma humiex debitati darbejn lill-utenti tal-ispazju tal-ajru f'każ li daww l-investimenti jimmaterjalizzaw fi stadju aktar tard, kif imsemmi fil-premessi (48) u (49);
 - (c) Arranġamenti ta' finanzjament mhux korretti għall-kostijiet imġarrba għal servizzi provduti f'żoni transfruntiera, imsemmija fil-premessi (56) sa (62);
 - (d) Allokazzjoni skorretta tal-kostijiet tal-approċċ bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u tat-terminal fir-rigward ta' skeyes, imsemmija fil-premessi (63) sa (67);
 - (e) In-nuqqas ta' ġustifikazzjonijiet adegwati għall-miri eċċessivi tal-kosteffiċjenza tat-terminal tal-Belġju, imsemmija fil-premessi (125), (126) u (127);
 - (f) Livell skorrett tal-iżvantaġġi finanzjarji massimi fl-iskemi ta' inċentivi tal-Belġju u tal-Lussemburgu li jappoġġaw l-ilhug ta' miri tal-kapaċità en route u tat-terminal, imsemmija fil-premessi (128) u (129).
- (135) Il-Kumitat dwar l-Ajru Uniku ma tax opinjoni. Att ta' implimentazzjoni tqies bħala neċessarju u l-president issottometta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni lill-kumitat tal-appell għal aktar deliberazzjoni. Il-kumitat tal-appell ma tax opinjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

- (1) Il-Belġju u l-Lussemburgu għandhom jiddefinixxu u jikkomunikaw lill-Kummissjoni miżuri korrettivi mfassla biex tinkiseb il-konsistenza tal-miri nazzjonali tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza mal-miri ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha għat-tielet perjodu ta' referenza fi żmien 3 xhur mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (2) Il-Belġju u l-Lussemburgu għandhom jibdeu japplikaw daww il-miżuri korrettivi fir-rigward ta' skeyes u ċ-Ċentru ta' Kontroll taż-Żona ta' Fuq ta' Maastricht ("MUAC") fl-RP3. Daww il-miżuri għandhom jirriżultaw fit-tnaqqis tal-kostijiet determinati għaż-żona tal-impsti en route ta' bejn il-Belġju u l-Lussemburgu b'ammont li jwassal għall-konsistenza tal-miri nazzjonali ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza mal-miri ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha. Dak l-ammont se jiġi determinat b'mod aktar preċiż mill-Belġju u mil-Lussemburgu abbażi tar-riżultati tar-rieżami tal-konformità msemmi fil-premessa (131) ta' din id-Deċiżjoni u rieżaminat mill-Kummissjoni bħala parti mill-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 15(7) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317, filwaqt li titqies l-evidenza li tirriżulta minn dak ir-rieżami tal-konformità. Il-miżuri korrettivi għandhom iwasslu għat-tnaqqis tal-kostijiet operatorji kemm ta' skeyes kif ukoll tal-MUAC.
- (3) Fid-definizzjoni tal-miżuri korrettivi, il-Belġju u l-Lussemburgu jstgħu jqisu wkoll il-miżuri addizzjonali proposti stabbiliti fl-Anness.
- (4) Il-Belġju u l-Lussemburgu għandhom jinkludu informazzjoni fil-pjanijiet ta' prestazzjoni rispettivi tagħhom li turi li skeyes u l-MUAC se jimplementaw b'mod effettiv il-miżuri korrettivi.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju u lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Adina-Ioana VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

MIŻURI ADDIZZJONALI PROPOSTI

Il-Belġju u l-Lussemburgu jistgħu jieħdu l-miżuri li ġejjin sabiex jirrimedjaw l-inkonsistenza tal-miri ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti bejn il-Belġju u l-Lussemburgu mal-miri ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza mal-Unjoni kollha:

- (1) jemendaw ir-reġim ta' disponibbiltà funzjonali tad-DISPO applikat fil-Belġju, bil-ħsieb li jitnaqqas l-impatt tiegħu fuq il-bażi tal-kost taż-żona tal-imposti bejn il-Belġju u l-Lussemburgu;
 - (2) jirrinunzjaw ir-redditu fuq l-ekwità ta' skeyes li huwa ppjanat li jiġi impost bħala parti mill-kost tal-kapital;
 - (3) jirrimborżaw lill-utenti tal-ispazju tal-ajru, permezz ta' tnaqqis eċċezzjonali fil-kostijiet, kwalunkwe surplus mis-sena 2022 li jirriżulta mill-mekkaniżmu tal-kondiviżjoni tar-riskju tat-traffiku jew mid-differenza bejn il-kostijiet iddeterminati u reali.
-